# LEĦEN IS-SANTWARJU TA’ ĦAŻ-ŻABBAR

**NOVEMBRU 2020 – Ħarġa Nru: 185**




*Il-Kelma tal-Arċipriet...*

## AĦWA LKOLL ...

F’dinja ta’ kompetizzjoni sfrenata, ta’ ġlieda għad-drittijiet, ta’ spustament ta’ miljuni ta’ nies minn pajjiżhom, ta’ ġlied u gwerer f’diversi reġjuni tad-dinja, ta’ attakki terroristiċi, ta’ persekuzzjonijiet ta’ minoranzi etniċi, ta’ ġirja għall-kapitaliżmu li jwassal għal aktar faqar, ta’ tkasbir tad-drittijiet tal-bniedem f’diversi pajjiżi, ta’ politici li jeżaltaw il-populiżmu, ta’ nies li jippromwovu r-razziżmu u l-individwaliżmu, ta’ min jinterpreta r-reliġjon f’sens fundamentalista, tal-inċertezzi tal-pandemija u anke ta’ min jipprova japprofitta mill-vaċċin, tar-regħba għall-flus li anke qed twassal għall-qerda ta’ din il-pjaneta…

Minkejja dan kollu, il-Q.T il-Papa joħroġ enċiklika twila: “Fratelli tutti…”fejn jgħidilna li “tassew wasal iż-żmien li noħolmu bħala familja waħda” li fiha “aħna lkoll aħwa” u “aħna ġirien ta’ xulxin!”



**Ġrajjiet sbieħ**

Għalkemm, permezz tal-media, il-ħin kollu nisimgħu bi ġrajjiet li juru bħal sħaba sewda fuq id-dinja, żgur li hawn ħafna aktar ġrajjiet u inizjattivi ta’ tjubija fost il-bnedmin, li ma jissemmewx.

Il-Papa jinsisti fuq il-bżonn tad-djalogu, fuq il-bini tal-pontijiet u mhux tal-ħitan, li noħorġu mill-konfini tagħna personali, tal-familja, tal-grupp, tal-partiti, tar-reliġjon… biex ninfetħu għall-ieħor jew l-oħrajn għax “minn għand kulħadd għandna x’nitgħallmu”.

Huwa jtenni li jekk m’aħniex se nirsistu biex jiġu *rrispettati d-drittijiet* ta’ kull bniedem u, jekk mhux se *neliminaw il-faqar* mid-dinja, ma jista’ qatt ikun hawn il-paċi dejjiema. Dawn iż-żewġ temi, li għalina li ngħixu fil-punent tant drajnihom, għad hawn miljuni ta’ nies li d-drittijiet fundamentali tagħhom, fosthom l-għixien deċenti, ix-xogħol, l-ikel, l-edukazzjoni, is-saħħa, il-ġustizzja u oħrajn, huma ineżistenti.

**Ninteressaw ruħna**

Aħna, bħala Kattoliċi, ma nistgħux indawru wiċċna lil hemm minn fejn hemm it-tbatija, id-diżugwaljanza, it-tortura, id-diskrimanazzjoni u n-nuqqas ta’ libertà. Wieħed mis-suġġerimenti li l-Papa jagħmel hu, li minflok mal-pajjiżi l-kbar jibqgħu jonfqu l-miljuni fl-armamenti, dawn jinvestuhom f’fond globali biex jiġu eliminati l-ġuħ u l-miżerja.

Il-Papa jsemmi wkoll il-bżonn li naħfru fejn għad hemm il-feriti ta' gwerer passati, imma dan ma jfissirx li wieħed jinsa jew jipprova jnessi l-ħruxijiet li seħħew fl-imgħoddi jew li f'xi każi, għadhom iseħħu. M'għandniex ninsew l-Olokawst, il-bombi atomiċi fuq Hiroshima u Nagasaki, il-persekuzzjonijiet ta' minoranzi etniċi… Dan nagħmluh biex inżommu l-kuxjenza kollettiva tagħna dejjem ħajja ħalli ma nerġgħux nirrepetu l-ħruxijiet tal-imgħoddi.

**Ir-reliġjonijiet għall-paċi**

Fl-aħħar, Franġisku jitkellem mir-reliġjonijiet li qegħdin hemm għas-servizz tal-fraternità fid-dinja. Huwa jgħid li "vjaġġ ta' paċi" fost ir-reliġjonijiet huwa possibli jekk dawn jiddjalogaw kontinwament bejniethom u jitbegħdu minn dak li jista' jagħlaqhom fihom infushom, tant li jsiru fundamentalisti. Ir-reliġjonijiet għandhom rwol importanti fis-soċjetà tagħna biex iġibu 'l quddiem il-fraternità bejn il-bnedmin.

Ejjew aħna lkoll nagħtu sehemna fl-ambjenti tagħna, billi nħabirku ħalli l-valuri ta' fraternità li nsibu fl-Evanġelju, ngħixhuhom kemm jista' jkun bejnietna… minkejja dak kollu li hu kuntrarju fid-dinja tallum!

***Dun Evan***

## NILTAQGĦU NHAR … NOVEMBRU 2020

**Ħadd 1:** **Solennità tal-Qaddisin Kollha.** Fl-10.15am quddiesa kantata bl-omelija.
**Tnejn 2:** **L-Għid tal-Imwiet.** Quddies kull nofs siegħa bl-ewwel waħda tkun fis-6.00am u l-aħħar waħda fid-9.00am. Fis-6.30pm Konċelebrazzjoni bit-tberik tal-oqbra tal-knisja.
**Erbgħa 4:** San Karlu Borromeo, isqof – Tifkira O. Fis-7.00pm l-aħħar laqgħa għal kull min hu nvolut fil-liturġija.
**Ħamis 5:** Jibdew 3 laqgħat ta' tħejjija għal dawk l-għarajjes li se jiżżewġu fis-sitt xhur li ġejjin. It-tnejn l-oħra jsiru fit-12 u 19 ta' Novembru.
**Ġimgħa 6:** *L-ewwel Ġimgħa tax-xahar*. Fis-6.30pm, Konċelebrazzjoni b'suffraġju tas-saċerdoti li ħadmu fil-parroċċa tagħna. Wara jsir it-tberik tal-oqbra tas-saċerdoti.
**Sibt 7:** Fl-10.00am, Ċelebrazzjoni tal-Kelma t'Alla bil-Magħmudijiet.
**Ħadd 8:** **It-32 Ħadd ta' matul is-sena.** Fl-4.00pm quddiesa fiċ-ċimiterju tal-parroċċa "Madonna tal-Ħniena" u tberik tal-oqbra.
**Tnejn 9:** Id-Dedikazzjoni tal-Bażilika tal-Lateran – Festa
**Tlieta 10:** San Iljun il-Kbir, Papa u duttur tal-Knsija – Tifkira O
**Erbgħa 11**: San Martin de Porres – Tifkira O
**Ħamis 12** San Ġożafat, isqof u martri – Tifkira O
**Ħadd 15:** **It-33 Ħadd matul is-sena**
**Sibt 21:** Il-Preżentazzjoni tal-Imqaddsa Verġni Marija – Tifkira O
**Ħadd 22:** **Solennità ta' Sidna Ġesù Kristu, Sultan tal-Ħolqien Kollu.** Tiġi fi tmiemha s-Sena Liturġika. Fl-10.15am quddiesa kantata bl-omelija.

**INGĦAQDU MAL-MULEJ GĦAL DEJJEM**

Luigia Marmarà (90), Adreana Pace (91), Frans Micallef (70), Victor Farrugia (63), Carmelo Mugliett (77), Emmanuela Cilia (85).

*Agħtihom, O Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem.*